# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 214/12/1 AL**

**Erika Carabott f'isimha u f'isem il-minuri Bronwin Alexia u Wyatt Bradi li qed tidher bħala kuratriċi *ad litem***

**v.**

**Fidele *sive* Dario Carabott**

1. Dan huwa appell tal-konvenut u appell inċidentali tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020 dwar il-firda personali bejn il-partijiet u l-kura, kustodja u manteniment ta' wliedhom. L-appell tal-konvenut huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza appellata dwar id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-attriċi, għalkemm taqbel mal-konklużjonijiet finanzjarji li waslet

għalihom l-ewwel Qorti, tikkontesta li hija taħti għat-tifrik taż-żwieġ u titlob li jiġu varjati l-valuri fuq il-garaxx u l-vettura.

2. Il-proċeduri li wasslu għall-appell odjern inbdew permezz ta’ rikors maħluf ippreżentat fl-20 ta’ Settembru 2012, permezz ta’ liema l-attriċi llum appellata ppremettiet u talbet is-segwenti:

> *“Illi l-partijiet izzewġu fid-9 ta’ Settembru 2001 u minn dan iz-zwieg twieldu zewġt itfal Bronwin Alexia li għandha għaxar snin u Wyatt Brady ta’ ħames snin.;*
>
> *Illi b’digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Ċivili) Nota Nru l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali;*
>
> *Illi l-intimat huwa ħati tal-firda minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat fosthom inġurji, sevizzi u moħqrija;*
>
> *Illi minn mindu l-partijiet infirdu l-kura u l-kustodja effettiva hija f’idejn ir-rikorrenti billi hi qiegħda tieħu ħsieb il-minuri;*
>
> *Illi hemm ġja digriet ta’ manteniment maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti li wara ħafna problemi beda jitħallas regolarment;*
>
> *Jghid ghalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex taqta u tiddeciedi u tordna:*
>
> *1. Tiddikjara illi l-intimat huwa ħati tal-firda għall-wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodiċi Ċivili u għalhekk għandu jitlef a bazi tal-istess Kodiċi Ċivili l-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun inkiseb mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taz-zwieġ jew waqt iz-zwieġ, jew taħt titolu ieħor gratwit, kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieġ għan-nofs tal-akkwist li jkunu saru l-aktar bilħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti l-oħra għandha tkun ikkunsidrata li minnha jkun ħati tal-firda u għalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ilpartijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess intimat.*
>
> *2. Tordna li l-kura u l-kustodja tkun fdata f’idejn l-esponenti kif fil-fatt hija s-sitwazzjoni llum;*
>
> *3. Tiffissa manteniment xieraq għat-tfal minuri;*

*4. Tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-konjuġi Carabott u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt ghas-subizzjoni".*

3. Erbat ijiem wara, ossija fl-24 ta' Settembru 2012, l-appellant ippreżenta kawża oħra kontra l-appellata bin-numru 216/2012 AL fl-ismijiet ***Fidele sive Delio Carabott pro et noe v. Erica Carabott*** sabiex tiġi dikjarata l-firda personali bejniethom bi ħtija tal-appellata. Dik il-kawża mxiet kontestwalment ma' dawn il-proċeduri u l-Qorti tal-Prim'Istanza ordnat illi l-provi li jinstemgħu jgħoddu għaż-żewġ kawżi.

4. Għal din il-kawża, l-appellant ippreżenta t-tweġiba tiegħu wara li kien għalaq it-terminu prefiss mil-liġi u dan minkejja li ma ntavola l-ebda rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi:

i. ċaħdet l-ewwel talba tal-attriċi;

ii. laqgħet it-tieni talba attriċi u b'hekk fdatilha l-kura u kustodja ta' wliedhom minuri, iżda deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jiġu deċizi mill-partijiet b'mod konġunt;

ordnat ukoll illi l-minuri għandu jkollhom aċċess versu l-konvenut illum appellant u kif dan għandu jseħħ;

iii. laqgħet it-tielet talba attriċi u ordnat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew, fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

iv. laqgħet ir-raba' talba attriċi u ddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, filwaqt li llikwidat, qasmet u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti lill-partijiet skont dak li ordnat fis-sitt parti tas-sentenza u ċioe` '*It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*'.

v. Bl-ispejjeż ikunu sopportati kollha mill-attriċi.

6. Kontestwalment, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet ukoll il-kawża bin-numru 216/2012 AL fl-ismijiet ***Fidele sive Delio Carabott pro et noe v. Erika Carabott*** billi *inter alia* <u>ddikjarat is-separazzjoni ta'</u>

bejn il-partijiet bi ħtijiet ta' adulterju u inġurji gravi, imputabbli unikament lil Erica Carabott u stabilixxiet id-data tal-31 ta' Ottubru 2011, u ċioe` d-data meta hija telqet mid-dar matrimonjali wara episodju partikolari bejn l-istess partijiet, bħala d-data meta saret ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u l-firda bejn il-partijiet. B'hekk, applikat kontriha l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili. Iddeċidiet ukoll li l-appellant odjern għandu d-dritt esklussiv illi jirrisjedi fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk, liema fond hu beni parafernali tiegħu. Dwar il-kura u kustodja, aċċess u manteniment fir-rigward tal-ulied tal-partijiet u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-imsemmija sentenza tirrifletti mbagħad dak deċiż mill-ewwel Qorti f'din il-kawża.

7. Kemm fir-rigward tas-sentenza bin-numru 216/2012 AL fl-ismijiet ***Fidele sive Delio Carabott pro et noe v. Erica Carabott*** kif ukoll fir-rigward tas-sentenza li tat l-ewwel Qorti f'din il-kawża, l-appell tal-appellant huwa limitat għal dik il-parti rigwardanti t-terminazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, għajr għal dawk il-partijiet intitolati '*Allegat dejn dovut lil Erica Carabott'* u '*Allegat dejn dovut lil Raymond Pace.'*

8. Fl-appell in eżami l-appellant ilmenta illi:

> *"l-proċess li kellu jsir mill-ewwel onorabbli qorti kellu jkun dan li ġej:*

*(i) li l-ewwel jiġu identifikati l-beni parafernali tal-partijiet u dawn jingħataw lill-partijiet mill-komunjoni tal-akkwisti bħala kreditu tagħhom kontra l-komunjoni tal-akkwisti;*

*(ii) wara li jkunu mnaqqsa il-krediti parafernali, tiġi stabbilita l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti billi jingħata konsiderazzjoni għall-fatt li l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet b'sentenza fl-ismijiet inversi li Erica Carabott kienet responsabbli għas-separazzjoni personali u li din kienet ħatja ta' adulterju u li l-Qorti ffissat il-31 ta' Ottubru 2011 bħala d-data meta Erica Carabott saret ħatja għat-tifrik taż-żwieġ, u skont l-imsemmija sentenza għadhom jiġu applikati fil-konfront tagħha l-effetti kollha tal-artikolu 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;*

*(iii) u wara li jsir dan tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-partijiet sehemhom wara li jkun ġie applikat l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili".*

9. L-ilmenti tal-appellant huma:

(i) li kien hemm diversi beni parafernali li kellhom jiġu assenjati lilu; u

(ii) li l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet li kellhom jiġu mposti kontra l-appellata b'applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili m'humiex riflessi b'mod ċar fis-sentenza appellata.

10. L-appellata wieġbet li f'dan il-każ l-ewwel Qorti ma sabet l-ebda traċċa ta' adulterju iżda li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli. Tikkontendi għalhekk li m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża iżda għandu jbatihom ir-raġel għaliex huwa jaħti għat-tifrik taż-żwieġ. Żiedet li għandha terġa' ssir stima tal-garaxx u tal-vettura li jirriflettu l-valur ġust tallum sabiex b'hekk issir ġustizzja. Tikkonkludi billi titlob illi:

> *"għar-rigward l-aspetti finanzjarji din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma dawk li ġja ġie deċiż, tikkonferma li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabilment, tvarja l-valuri fuq il-garaxx u l-vettura, tikkonferma l-bqija tas-sentenza u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jbatihom l-appellant".*

Konsiderazzjonijiet.

11. Il-mertu tal-appell tal-appellant huwa identiku għal dak magħmul fl-appell **Fidele sive Delio Cardona proprio et nomine v. Erika Carabott** (216/2012/1) deċiż illum.

12. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-appellata dwar il-garaxx u vettura assenjata lilha, diġa` ġie ndirizzat fl-appell l-ieħor deċiż illum.

13. Il-Qorti għalhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjoni magħmula fis-sentenza mogħtija llum fl-appell 216/2012/1, li għandhom jitqiesu parti minn din is-sentenza.

Għaldaqstant, għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza mogħtija llum fl-appell numru 216/2012/1 il-Qorti tiddisponi mill-appell billi:

1. Tiċħad l-appell inċidentali tal-appellata għal dak li jirrigwarda l-garaxx u l-vettura;

2. Tilqa' limitatament l-appell tal-appellant u tvarja dawk il-partijiet tas-sentenza appellata li jirreferu għas-somma ta' ħmistax-il elf sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€15,688) li l-appellant irċieva b'donazzjoni mingħand ommu, kif ukoll dwar l-ammonti depożitati fil-Qorti wara l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 274/2011, u dwar is-somma ta' elf ewro (€1,000) li ġibdet l-appellata meta telqet mid-dar u s-somma ta' seba' mija u ħamsin (€750) prezz tal-vettura Maruti AAN-178 li nbiegħet u r-rikavat intuża sabiex tħallas depożitu għal safra. F'dan ir-rigward tiddikjara li:

i. l-appellata għandha tħallas lill-appellant nofs ($^1/_2$) is-somma ta' ħmistax-il elf sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€15,688) li kien l-ammont li omm l-appellant tagħtu. Somma li ntużat sabiex inxtrat il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja li l-partijiet fdew fil-mori tal-kawża;

ii. jekk bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 274/2011 ġew sekwestrati u depożitati fil-qorti salarji li l-appellant seta' rċieva mingħand il-prinċipal fejn jaħdem, b'effett mill-31 ta' Ottubru 2011 'il quddiem l-appellata m'għandhiex jedd għal nofs ($^1/_2$) minn dak il-qligħ;

iii. l-appellata għandha tħallas lill-appellant l-ammonti ta' ħames mitt ewro (€500)[1] u tliet mija u ħamsa u sebgħin ewro (€375)[2] kif spjegat hawn fuq.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu tlieta minn ħamsa ($^{3}/_{5}$) a karigu tal-appellata u tnejn minn ħamsa ($^{2}/_{5}$) a karigu tal-appellant, filwaqt li l-ispejjeż relatati mal-appell inċidentali tal-appellata għandhom ikunu a karigu esklussiv tagħha.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[1] Nofs l-ammont mis-somma ta' €1000 li ġibdet l-appellata.
[2] Nofs is-somma ta' €750 valur tal-vettura Maruti li kienet proprjeta` parafernali tal-appellant.